Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2013

Appell Kriminali Numru. 408/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Ivan Spiteri**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Ivan Spiteri talli nhar-is 16 ta' Frar 2011, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jagħti lil Johanna Spiteri u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn xi Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-5 ta' Ottubru 2011 li


Qrati tal-Gustizzja

permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Ivan Spiteri ħati u kkundannatu gimgħa detenzjoni;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Ivan Spiteri ppreżentat fis-17 ta' Ottubru 2011 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu ħati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu, iżda tirrevokaha u tħassarha in kwantu gie kkundannat għall-piena ta' ġimgħa detenzjoni, u minflok tordna li jiġi kkundannat għal piena anqas gravuża.

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** Fis-seduta tallum l-appellant ħallas lil martu akkont tas-somma dovuta bħala manteniment fi-xahar ta' Frar 2011 is-somma ta' €250. Peress illi sar ftehuim bejn il-partijiet, il-*parte civile*, mart l-appellant, iddikjarat illi m'għandhiex aktar interess f'dawn il-proċeduri. Naturalment, stante illi l-kontravvenzjoni in kwistjoni hija kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, mhijiex rinunzjabbli. Iżda, kif ġie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Publius Said** deċiż fid-9 ta' Lulju 2003 u f'diversi sentenzi sussegwenti:

**"l-għan ewlieni tal-leġislatur meta ntroduċa din il--kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jġib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jħallsu manteniment lid-dipendenti tagħhom u mhux li jippunixxi biss għall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal għandhom dejjem jiġu obduti u osservati skrupolożament."**

Konsegwentement għandu jkun hemm temperament fil-piena.

**6.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant għal ġimgħa detenzjoni u minflok, a tenur ta' l-artikolu 22 tal-Kap, 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor sa sitt xhur millum. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. A tenur ta' l-artikolu 22(3) ta' l-

istess Kap. 446, din il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew, li jekk jagħmel xi reat ieħor matul il-perijodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista’ jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------